# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 26 ta' Frar 2020**

**Talba numru 308/2019SFJ**

***GO p.l.c. (C22334)***
***vs.***
***Sanchez Dominguez (54057606Q)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-14 ta' Ottubru 2019 li permezz tagħha s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallasha total ta' **erbat elef u mija u tmienja u disgħin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€4,198.54)** in konnessjoni mas-servizzi miġbura fil-kont numru 40796838.

Ra li s-soċjetà attriċi talbet ukoll li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet kollha konnessi mal-ittra uffiċjali 3224/18 u l-imgħaxijiet legali mid-19 ta' Settembru 2018, li hija d-data li fiha l-konvenut ġie innotifikat bl-ittra uffiċjali relattiva.

Ra li kif jidher mir-riferta relattiva, il-konvenut ġie innotifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ nhar il-25 ta' Ottubru 2019 (ara fol. 13 tal-proċess).

Ra li l-konvenut ma deher għal ebda seduta u ma ppreżenta ebda Risposta jew sottomissjoni kwalsiasi.

Sema' x-xhud, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Frar 2020 għas-sentenza.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

It-Tribunal ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba u osserva li l-prospett immarkat dokument "A" (fol. 2 tal-proċess) jaqbel mal-kontenut tal-Avviż tat-Talba. Id-dokumentazzjoni li tinsab a fol. 5 *et seq.* tal-proċess tikkonferma li l-konvenut kien ġie interpellat sabiex iħallas permezz ta' ittra uffiċjali u din l-istess ittra uffiċjali ġiet innotifikata lilu. Minkejja dan kollu, il-konvenuta baqa' inadempjenti.

Fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2019 it-Tribunal sema' x-xhieda ta' Mary Anne Camilleri, rappreżentant tas-soċjetà attriċi. Camilleri xehdet li l-ammont mitlub permezz ta' din l-azzjoni kien għadu dovut fis-sens li ma kienu saru ebda pagamenti.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li t-Tribunal ra d-dokumentazzjoni ippreżentata u sema' x-xhud, jidhirlu li t-talbiet tas-soċjetà attriċi ġew sodisfaċentement ippruvati.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' erbat elef u mija u tmienja u disgħin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€4,198.54).

It-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 3224/18 u jordna li l-interessi jiġu ikkalkulati mid-19 ta' Settembru 2018, jiġifieri mid-data tan-notifika tal-istess ittra uffiċjali, sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**